MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Appell Kriminali Numru. 229/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Richard Caruana**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli fit-28 ta' April, 2008 u matul il-granet ta' qabel go Dick's Bar, St. George's Road, San Giljan, biegh jew uza fil-manifattura jew preparazzjoni ta' xi ikel li jitqiegħed ghall-bejgh jew ghall konsum mill-bniedeb, zjut li kellhom riha jew toghma qarsa (mrangta).

Il-Qorti giet mitluba barra milli taghti l-piena tordna l-esekuzzjoni tal-ligi taht penali li jidrilha xieraq fin-nuqqas.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Mejju, 2011 fejn wara li rat l-Kap 449, l-Avviz legali 265/2002, senjatament l-Artikolu 28 u 43 tal-Att u r-regolament 5 tal-Avviz Legali

68/2003 u r-regolament 4, 5 u 6 tal-Avviz Legali 265/2002, iddikjarat lil imputat hati ta' l-imputazzjoni ikkundannatu €466 u ordnat id-distruzzjoni taz-zejt mertu tal-kawza.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnhu pprezentat fl-20 ta' Mejju, 2011 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenaza appellata li permezz taghha il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabet lill-appellanti hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu Euro 466 multa u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi fl-umli opinjoni tal-esponenti appellanti, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata meta accettat bhala ammissibbli l-prova migjuba mill-Prosekuzzjoni u cioe` prova ta' analista ex parte mqabbad mill-istess prosekuzzjoni.

Illi d-difiza kollha tal-esponent kienet iffukata precizament fuq dan il-punt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti jidher li l-anqas biss ma kkunsidratu tal-inqas ghamlet xi tip ta' referenza ghalih.

Kull ma qalet l-ewwel Onorabbli Qorti kien illi hija kienet sodisfatta illi mill-analizi hareg car ghaliha li z-zejt kien imrangat. Kompliet l-Ewwel Onorabbli Qorti illi galadarba kienet sodisfatta, ma kienx hemm bzonn illi hija tidhol iktar fid-dettal.

Illi kuntrarjament ghar-ragjonament tal-Ewwel Onorabbli Qorti, l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza *il-Pulizija vs Renard Cassr,* deciza fl-24 ta' Settembru, 2009 irritjeniet illi:

*“Hija prattika sancita mill-ligi, li xhieda ordinarja u cioe mhux persuni mahtura bhala espert mill-Qorti, ma jistghux jaghtu jew jesprimu opinjoni imma jistghu jiddeponu biss fuq dak illi huma kkonstataw bis-sensi taghhom. Meta jkun mehtieg xi hila jew sengha specjali biex jigi ezaminat xi oggett, ghandha tigi ordnata perizja (artikolu 650(1) tal-Kap 9). Il-periti skond il-kodici kriminali, ma jsitghux ikunu esperti ex parte imma jridu jkunu gew maghzulin mill-Qorti (artikolu 650(1) tal-Kap 9) jew mill-Magistrat Inkwerenti li jkun qed jikkonduci l-ingenere (art. 548 u 549 tal-Kap9)”*

Hekk ukoll irritjeniet il-Qorti tal-Magistrati fil-kawza *il-Pulizija vs Isabelle Debattista u Ronald Debattista* li ghaliha saret referenza aktar il-fuq illi trattat mertu identiku ghal dak tal-kazi in ezami...

Illi ndubjament ghandu jinghad illi l-analizi illi saret mill-analista mqabbda mid-dipartiment tas-Sanita u mir-rizultanzi tal-istess analizi, johrog car illi kwalsiasi rizultat ma hux rizultat li seta qatt johrog minn konstatazzjoni ta’ haga bis-sensi tal-istess analista.

Illi mir-rizultanzi mnizzla fir-rapport ezibit m’ghandu jkun hemm ebda dubbju dwar dan. Illi min-natura teighu, ir-rapport huwa wiehed xjentifiku li biex jigi redatt jehtieg hila u sengha li xhud ordinarju ma jipposjedix.

Illi ghalhekk, ghandu jsegwi illi gialadarba dik l-analizi saret minn xhud ordinarju, dina qatt ma tista tkun xheida ammissibbli fi proceduri kriminali jekk l-opinjoni xjentifika ma tkunx giet ottjenuta wara li tkun giet segwita l-procedura ai termini tal-artiklu 650(1) tal-Kap XI tal-Ligijiet ta’ Malta jew altrimenti kif qalet tajjegb il-Qorti tal-Appell bl-applikazzjoni tal-Artikolu 548 u 549 tal-Kap 9 mill-Magistrat Inkwerenti.

Illi gialadarba l-unika prova illi gabet il-prosekuzjoni kienet wahda inammissibli fi proceduri kriminali, din kellha tigi skartata kompletament u konsegwentement l-Ewwel Onorabbli Qorti, kellha fuq nuqqas ta’ provi ohra fuq liema setghet issib htija, tghaddi sabiex tilliber lill-imputat mill imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Semgħet ix-xhieda mill-ġdid.

Xehdet Doris Gambin li hija analista fil-Pulic Health Laboratory. Din bħala l-Kap tat-Taqsima tal-Kimika kienet responsabbli li tara l-analiżi taż-żejt. L-analiżi saret minn analista fit-Taqsima tagħha taħt id-direzzjoni tagħha. Hija terġa' tara r-riżultat fl-aħħar ukoll.

Fil-kontro-eżami hija qalet li ma kinitx maħtura minn Maġistrat biex tagħmel l-analiżi. Fil-fatt tqabbdet tagħmel dan mid-Dipartiment tas-Saħħa. Hija kienet rat il-kampjun taż-żejt meħud u tat l-istruzzjonijiet biex isiru t-testijiet. Il-kampjun jiġi mill-Environment Health officers.

Xehed ukoll Aaron Simpson li jaħdem bħala Spettur tas-Saħħa fid-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali. Huwa ried jagħmel 'risk assessment audits' fl-istabbilimenti tal-ikel. Għal darbtejn fuq xulxin, irriżulta li ż-żejt kien imranġat. Huwa kien ħa l-ewwel sampling programme fit-18 ta' Frar 2008 u għamlu r-repeat fit-28 t'April, 2008. Huwa kien kellem lill-appellant u spjegalu x'kien ġara. L-appellant kien qal li kien għadu kif biddel iż-żejt iżda meta sar it-test reġa' ġie l-istess riżultat. Dan ir-riżultat wasal għandu wkolll u filfatt iffirma fuqu.

Fil-kontro–eżami huwa qal li ma kien hemm ebda 'complaint'. Huma kienu ċċekkjaw iż-żejt mhux f'diversi stabbilimenti taħt direzzjoni tal-Unjoni Ewropea.

Bħala sampling officer huma jkollhom containers li jkunu sterile. Huwa kien ħa l-kampjun u ssiġġilah quddiem l-istess Richard Caruana. Il-messaġġier tagħhom imur dritt il-laboratorju.
Huwa kkonferma li l-analiżi ssir mil-laboratorju li jaqa' taħt l-istess direttorat.

Ikkonsidrat

Li l-appellant għandu aggravju wieħed. Skont l-appellant, ma kienet teżisti ebda prova fil-proċess la ma kienx

inħatar espert mill-Qorti. Illi l-uffiċjal tad-Dipartiment mhux espert maħtur mill-Qorti u għalhekk ma setax jagħti opinjonijiet għax huwa għandu jitqies bħala xhud ordinarju. L-appellant irrefera għall-artikolu 650(1) tal-Kap 9 u għas-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismjiet 'Il-Pulizija versus Renard Cassar' tal-24 ta' Settembru, 2009 kif ukoll 'Il-Pulizija vs Isabelle Debattista u Ronald Debattista' mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-3 ta' Diċembru, 2009.

Ir-regolamenti relevanti skont l-Avviż Legali 265 tas-sena 2002 (indikat bħala 449.32) maħruġ taħt il-Food Safety Act huma dawn li ġejjin:
'Eżami minn uffiċjal awtorizzat
jew analista.

4. Uffiċjal awtorizzat li jkun kiseb kampjun taħt l-artikolu 28(3)(a) ta' l-Att għandu:
(a) jeżamina l-kampjun fil-fond mnejn ikun inkiseb jew 'xi post ieħor; u

(b) jekk iqis li l-kampjun għandu jkun aktar analizzat jew eżaminat, jgħaddih biex ikun analizzat jew eżaminat mill-analista ta' l-ikel jew l-eżaminatur tal-ikel.

Ċertifikat tar-riżultat.

5. Analista ta' l-ikel jew eżaminatur tal-ikel, li jkun analizza jew eżamina kampjun għandu, fi żmien raġonevoli, jagħti ċertifikat lill-persuna li tkun għaddietlu l-kampjun, fejn jiġi speċifikat:

(a) riferenza uffiċjali li tkun tidentifika l-kampjun li fuqu tkun saret l-analisi jew l-eżami u d-data meta l-kampjun jkun ġie mgħoddi lilu;

(b) ir-riżultat ta' l-analisi jew l-eżami; u

(ċ) it-titlu, tip ta' analisi jew eżami li jkun sar u deskrizzjoni qasira jew referenza tal-proċedura uffiċjali użata;

(d) id-data u l-ħin meta jkunu bdew l-analisi jew l-eżami u d-data l-ħin meta l-analisi u l-eżami jkunu ntemmu jekk dik l-informazzjoni jista’ jkollha xi sinifikat fuq ir-riżultat finali ta’ dik l-analisi jew dak l-eżami; u

(e) isem l-analista tal-ikel jew l-eżaminatur tal-ikel li jkun responsabbli għall-analisi u l-eżami u meta jkun rilevanti, l-isem u l-firma tal-persuna li tkun għamlet l-analisi jew l-eżami attwali; u

(f) kull informazzjoni oħra li tista’ tintalab mill-awtorità tas-saħħa.

**Preżentazzjoni ta’**
**ċertifikati.**

**6. Fi proċedimenti taħt l-Att jew taħt regolamenti magħmulin taħtu, meta xi waħda mill-partijiet iġġib –**

**(a) xi dokument li jidher li jkun ċertifikat mogħti minn analista ta’ l-ikel jew eżaminatur taħt ir-regolament 5; Jew**
**(b) xi dokument mogħti lilha mill-parti l-oħra li jkun validat bħala vera kopja ta’ dak id-dokument,**
**<u>għandu jkun prova suffiċjenti tal-fatti hemm dikjarati kemm-il darba, f’xi każ li jinkwadra taħt ir-regolament 5, il-parti l-oħra ma tkunx teħtieġ lill-analista tal-ikel jew l-eżaminatur ta’ l-ikel li jkun ħareġ dak iċ-ċertifikat jixhed fil-proċedimenti.’.</u>**

Huwa dan l-aħħar regolament l-aktar importanti fiċ-ċirkostanzi ta’ llum. Skont dan ir-regolament 6, iċ-ċertifikat maħruġ skont l-artikolu 5 għandu jkun biżżejjed bħala prova u lanqas hemm bżonn jitla’ l-analista sakemm il-parti l-oħra ma tinsistix li dan jitla’ jixhed.

Dan l-Avviż Legali huwa ‘lex specialis’ li skont il-filosofija tad-Dritt, hija din il-lex specialis li għandha tipprevali fuq il-‘lex generalis’. F’dan il-każ il-lex generalis hija l-Kap 9. Għalhekk dan l-Avviż Legali jipprevali fuq il-Kap.

L-istess Avviż Legali jipprevali wkoll fuq il-Kap 9 minħabba li huwa ‘lex posteriori’ għax, skont prinċipju ieħor, ‘lex posteriori derogat priori.’ F’dan il-każ ‘il-lex priori’ hija l-Kap 9.

Fid-dawl ta’ dawn il-prinċipji, il-Qorti mhix qed tara bażi għas-sottomissjoni tad-Difiża.

Fil-mertu, iċ-ċertifikat jidher a fol 10 u a fol 11. Huwa msaħħaħ mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u ma jirriżultax li dan iċ-ċertifikat kien kontradett mid-difiża.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-aggravju u qed tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fit-12 ta’ Mejju 2011 fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------